2026/1729

13.7.2026

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2026/1729

tal-10 ta' Lulju 2026

b'appoġġ għal żona ħielsa mill-armi ta' qerda massiva fil-Lvant Nofsani (ŻĦAQM LN) f'ambjent ta' sigurtà reġjonali dinamiku

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28(1) u l-Artikolu 31(1) tiegħu;

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà;

Billi:

(1) L-Istrateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà tal-Unjoni Ewropea tal-2016 kif ukoll l-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea tal-2003 kontra l-proliferazzjoni tal-Armi ta' Qerda Massiva (AQM) huma bbażati fuq il-konvinzjoni li approċċ multilaterali għas-sigurtà, inkluż id-diżarm u n-nonproliferazzjoni, jipprovdi l-aħjar mod biex tinżamm l-ordni internazzjonali.

(2) Il-politika tal-Unjoni għalhekk hi li tappoġġa, timplimenta u ssaħħaħ l-implimentazzjoni u l-universalizzazzjoni tat-trattati, l-ftehimiet u n-normi eżistenti dwar id-diżarm u n-nonproliferazzjoni u li tikkoopera ma' pajjiżi terzi u tassistihom fit-twettiq tal-obbligi tagħhom taħt konvenzjonijiet u reġimi multilaterali.

(3) Id-Dikjarazzjoni Konġunta tas-Summit ta' Pariġi għall-Mediterran tat-13 ta' Lulju 2008, li stabbilixxiet l-Unjoni għall-Mediterran, affermat mill-ġdid l-aspirazzjoni komuni li tinkiseb il-paċi kif ukoll is-sigurtà reġjonali, kif stabbilit fid-Dikjarazzjoni ta' Barċellona adottata fil-Konferenza Ewro-Mediterranja tas-27 u t-28 ta' Novembru 1995, fost l-oħrajn billi jaderixxu mat-Trattati u l-Konvenzjonijiet internazzjonali dwar l-AQM, kif ukoll b'arranġamenti reġjonali, bħal żoni ħielsa mill-armi nukleari.

(4) Il-Konferenza ta' Reviżjoni tat-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni (TNP) tal-2010 enfasizzat l-importanza ta' proċess li jwassal għall-implimentazzjoni sħiħa tar-Riżoluzzjoni tagħha tal-1995 dwar il-Lvant Nofsani (ir-"Riżoluzzjoni tal-1995"). Għal dak il-għan, il-Konferenza ta' Reviżjoni tat-TNP tal-2010 approvat passi prattiċi, fost l-oħrajn, il-konsiderazzjoni tal-offerti kollha immirati lejn l-appoġġ għall-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni tal-1995, inkluż l-offerta tal-Unjoni biex tospita seminar ta' segwitu relatat ma' dak organizzat f'Ġunju 2008.

(5) Il-Konferenza ta' Reviżjoni tat-TNP tal-2010 għarfet ukoll ir-rwol importanti li għandha s-soċjetà ċivili fil-kontribut għall-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjoni tal-1995 u ħeġġet l-isforzi kollha f'dak ir-rigward.

(6) Fl-Aġenda tiegħu għad-Diżarm intitolata "Niżguraw il-Futur Komuni Tagħna" ippreżentata fl-24 ta' Mejju 2018, is-Segretarju Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti wieġħed li jaħdem mal-Istati Membri tan-NU biex iż-żoni ħielsa mill-armi nukleari jissaħħu u jiġu kkonsolidati, inkluż bl-appoġġ ta' aktar stabbiliment ta' tali żoni, inkluż fil-Lvant Nofsani. Dawn l-intenzjonijiet ġew enfasizzati aktar fil-Patt tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Futur, adottat mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti fit-22 ta' Settembru 2024, fejn l-Istati Membri tan-NU iddikjaraw l-intenzjoni tagħhom li jsaħħu l-paċi u s-sigurtà internazzjonali permezz, fost l-oħrajn, tal-insegwiment ta' żoni ħielsa mill-armi nukleari.

(7) L-Unjoni esprimiet kontinwament ir-rieda tagħha li tassisti fil-proċess li jwassal għall-istabbiliment ta' żona ħielsa mill-AQM fil-Lvant Nofsani (ŻĦAQM LN) billi tappoġġa proċessi biex tissaħħaħ il-fiduċja, b'mod partikolari permezz ta' seminars u sessjonijiet ta' ħidma tal-Unjoni bħal dawk li saru fl-2008, l-2011 u l-2012, kif ukoll permezz ta' proġetti appoġġati mill-Unjoni mill-Istitut tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Riċerka dwar id-Diżarm (UNIDIR) dwar miżuri għat-tisħiħ tal-fiduċja li jwasslu għall-istabbiliment ta' tali żona, skont id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill (PESK) 2019/938 ([1]) u (PESK) 2023/1306 ([2]).

(8) Għalhekk, jenħtieġ li l-Unjoni tkompli tappoġġa proċess li jwassal għal ŻĦAQM LN billi tkompli tappoġġa l-ħidma mill-UNIDIR għal dak l-għan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Għall-fini tal-avvanz tal-impenn tal-Unjoni li tistabbilixxi ŻĦAQM LN, l-Unjoni għandha tappoġġa proġett mill-UNIDIR bl-objettivi ġenerali li ġejjin:

— assistenza fil-mitigazzjoni tax-xejriet reġjonali tal-proliferazzjoni tal-AQM;

— inkoraġġiment ta' arranġamenti ta' sigurtà reġjonali u normi u proċessi għall-kontroll tal-armi, in-nonproliferazzjoni u d-diżarm;

— żvilupp ta' fehim aktar fil-fond tar-relazzjoni bejn iż-ŻĦAQM LN u l-iżviluppi reġjonali u internazzjonali attwali; u

— promozzjoni ta' ŻĦAQM LN effettiva, verifikabbli, inklużiva u sostenibbli.

2. Deskrizzjoni dettaljata tal-proġett tinsab fid-Dokument ta' Proġett fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

1. Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (ir-"Rappreżentant Għoli") għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

2. L-implimentazzjoni teknika tal-proġett msemmi fl-Artikolu 1(1) għandha ssir mill-UNIDIR, li għandu jwettaq dan il-kompitu taħt ir-responsabbiltà tar-Rappreżentant Għoli. Għal dak il-għan, ir-Rappreżentant Għoli għandu jidħol fl-arranġamenti meħtieġa mal-UNIDIR.

Artikolu 3

1. L-ammont ta' referenza finanzjarja għall-implimentazzjoni tal-proġett imsemmi fl-Artikolu 1(1) għandu jkun ta' EUR 2 000 001.

2. In-nefqa ffinanzjata mill-ammont stabbilit fil-paragrafu 1 għandha tiġi amministrata f'konformità mar-regoli u l-proċeduri u applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni.

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/938 tas-6 ta' Ġunju 2019 b'appoġġ għal proċess ta' tisħiħ tal-fiduċja li jwassal għall-istabbiliment ta' żona ħielsa mill armi nukleari u mill-armi l-oħra kollha ta' qerda massiva fil-Lvant Nofsani (ĠU L 149, 7.6.2019, p. 63, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2019/938/oj).

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/1306 tas-26 ta' Ġunju 2023 b'appoġġ għal proġett dwar żona ħielsa mill-armi ta' qerda massiva fil-Lvant Nofsani (ŻĦAQM LN) f'ambjent ta' sigurtà reġjonali li qed jevolvi (ĠU L 161, 27.6.2023, p. 70, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2023/1306/oj).

3. Il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-amministrazzjoni tajba tan-nefqa msemmija fil-paragrafu 1. Għal dak il-għan, hi għandha tikkonkludi ftehim ta' kontribuzzjonijiet mal-UNIDIR. Dak il-ftehim għandu jistipula li l-UNIDIR għandu jiżgura l-viżibbiltà tal-kontribuzzjoni tal-Unjoni, skont id-daqs tagħha.

4. Il-Kummissjoni għandha tagħmel ħilitha biex tikkonkludi l-ftehim ta' kontribuzzjonijiet imsemmi fil-paragrafu 3 malajr kemm jista' jkun wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. Hija għandha tinforma lill-Kunsill bi kwalunkwe diffikultà f'dak il-proċess u bid-data tal-konklużjoni ta' dak il-ftehim.

Artikolu 4

1. Ir-Rappreżentant Għoli għandu jirrapporta lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni abbażi ta' rapporti narrattivi kull 12-il xahar imħejjijin mill-UNIDIR. Dawk ir-rapporti għandhom jiffurmaw il-bażi għall-evalwazzjoni li titwettaq mill-Kunsill.

2. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi informazzjoni dwar l-aspetti finanzjarji tal-implimentazzjoni tal-proġett imsemmi fl-Artikolu 1(1).

Artikolu 5

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

2. Din id-Deċiżjoni għandha tiskadi 36 xahar wara d-data tal-konklużjoni tal-ftehim ta' kontribuzzjonijiet imsemmi fl-Artikolu 3(3). Madankollu, għandha tiskadi sitt xhur wara d-dħul fis-seħħ tagħha jekk ebda ftehim ta' finanzjament ma jkun ġie konklużż sa dakinhar.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Lulju 2026.

Għall-Kunsill

Il-President

S. HARRIS

ANNESS

Dokument ta' Proġett

Appoġġ għaż-Żona Ħielsa mill-Armi ta' Qerda Massiva fil-Lvant Nofsani f'Ambjent ta' Sigurtà Reġjonali Dinamiku

Kuntest u Raġunament

L-Armi ta' Qerda Massiva (AQM) għadhom joħolqu sfida serja u persistenti fil-Lvant Nofsani. Ir-reġjun huwa kkaratterizzat minn sfidi nukleari li ilhom għaddejjin, inkluż in-nuqqas ta' parteċipazzjoni fi trattati internazzjonali, l-eżistenza ta' programmi nukleari u ta' AQM oħra mhux iddikjarati, kwistjonijiet ta' salvagwardja mhux riżolti, u nuqqas ta' konformità li għadha għaddejja, filwaqt li sejbiet ta' nuqqas ta' konformità fis-salvagwardja fil-passat għadhom jikkawżaw sfiduċja reġjonali.

Barra minn hekk, armi kimiċi intużaw fir-reġjun f'avvenimenti reċenti, u l-mistoqsijiet dwar l-aderenza mal-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi (CWC) u l-Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi (BWC) għadhom pertinenti minħabba f'każijiet ta' nuqqas ta' parteċipazzjoni u nuqqas ta' konformità.

B'aggravazzjoni ta' dawn l-isfidi, xi atturi mhux statali akkwistaw u użaw l-armi kimiċi wkoll, li jissottolinja l-erożjoni tan-normi stabbiliti tan-nonproliferazzjoni u d-diffikultà tal-infurzar f'kuntesti kkaratterizzati minn kunflitt u governanza dgħajfa. Reċentement kien hemm ukoll żieda fir-retorika nukleari fost l-elit fir-reġjun, li jitkellmu favur l-iżvilupp ta' armi nukleari, l-użu tagħhom f'kunflitti, jew l-immirar lejn infrastruttura nukleari, li żied ir-riskju ta' armi nukleari, tal-potenzjal li t-tensjonijiet konvenzjonali u l-kunflitti jeskalaw għad-dominji tal-AQM, u żied l-urġenza li tiġi stabbilita Żona Ħielsa mill-AQM fil-Lvant Nofsani.

Din ir-realtà, flimkien mal-istaġnar fid-diplomazija reġjonali għall-kontroll tal-armi, tenfasizza l-ħtieġa li jiġi promoss id-djalogu dwar id-diżarm reġjonali, in-nonproliferazzjoni, u l-kontroll tal-armi u li jiġu żviluppati mezzi għall-involviment reġjonali.

Objettivi

Il-Proġett tal-UNIDIR propost għandu l-għan li jappoġġa l-inizjattiva ŻĦAQM LN billi jippromwovi l-erba' komponenti futuri ewlenin taż-ŻĦAQM LN: (1) in-nonproliferazzjoni, (2) id-diżarm, (3) il-kooperazzjoni paċifika, u (4) il-verifika u s-salvagwardji.

Il-proġett jadotta approċċ olistiku billi jintegra r-riċerka, it-tisħiħ tal-kapaċitajiet, id-djalogu, u s-sħubijiet mal-partijiet ikkonċernati u l-gvernijiet reġjonali. Permezz tar-riċerka fil-politika, il-proġett ser jipprovdi l-bażi ta' evidenza meħtieġa biex tinħoloq bażi ta' għarfien komuni u biex jittieħdu deċiżjonijiet infurmati; l-attivitajiet ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet ser itejbu l-ħiliet u l-għarfien tal-partijiet ikkonċernati reġjonali biex jidentifikaw soluzzjonijiet u modi possibbli għall-implimentazzjoni tagħhom; permezz tad-djalogu, il-proġett ser jiffaċilita mezzi ta' komunikazzjoni u spazju biex jiġu identifikati ideat għad-dieskalazzjoni, it-tisħiħ tal-fiduċja u l-kollaborazzjoni, filwaqt li jiżgura li jitqiesu diversi perspettivi; u s-sħubijiet mal-partijiet ikkonċernati u l-gvernijiet reġjonali ser jiffaċilitaw l-isforzi kkoordinati u l-qsim tar-riżorsi.

Barra minn hekk, il-proġett iwassal riżultati ewlenin tradotti għal-lingwi reġjonali biex jiġu żgurati aċċessibbiltà u disseminazzjoni wiesgħa, li huma kruċjali biex tintlaħaq udjenza wiesgħa u jitrawmu fehim u impatt mifruxa.

L-attivitajiet ser ikopru l-erba' suġġetti tematiċi:

— In-nonproliferazzjoni biex jiġu indirizzati l-kapaċitajiet u t-theddid eżistenti tal-AQM u jiġu evitati dawk futuri.

— Id-diżarm biex jiġu identifikati passi favur l-eliminazzjoni tal-AQM, appoġġati minn mekkaniżmi eżistenti u arranġamenti reġjonali innovattivi li jappoġġaw dawn il-proċessi.

— Il-kooperazzjoni paċifika biex jiġu identifikati sforzi kollaborattivi ġodda u jissaħħu dawk eżistenti biex tissaħħaħ il-fiduċja, titnaqqas it-tensjoni, jiġu identifikati miżuri ta' trasparenza, u jissaħħu l-objettivi tar-reġjun fix-xjenza, it-teknoloġija u l-iżvilupp.

— Il-verifika u s-salvagwardji biex jiġu identifikati miżuri tekniċi biex tiġi żgurata l-konformità mal-impenji attwali u futuri tal-istati reġjonali.

Il-proġett ser jagħmel dan filwaqt li jindirizza x-xenarju li qed jevolvi tas-sigurtà tar-reġjun u internazzjonali, ikkaratterizzat minn kunflitti li qed jeskalaw, żieda fl-importanza tal-armi nukleari, inkluż l-iżvilupp, l-ittestjar, l-użu u t-trasferiment tagħhom, l-avvanz tat-teknoloġija, l-interess reġjonali dejjem jikber fl-enerġija nukleari u l-kooperazzjoni fi programmi ċivili, bidliet negattivi u pożittivi f'politiki li ilhom jeżistu dwar l-AQM, u opportunitajiet diplomatiċi emerġenti.

Barra minn hekk, ser jeżamina kif dawn ix-xejriet, flimkien mal-isfidi reġjonali eżistenti u emerġenti għas-sigurtà, jaffettwaw l-ambitu u l-istruttura taż-Żona u l-fattibbiltà tagħha. Il-proġett ser jipprovdi wkoll appoġġ espert għas-sigurtà reġjonali li għaddejja bħalissa u dik futura u għall-proċessi relatati maż-ŻĦAQM LN. L-outputs u s-sejbiet ewlenin tal-proġett ser jixterdu u jiġu kkomunikati lill-atturi u l-partijiet ikkonċernati rilevanti bħala parti mill-attivitajiet ta' trasferiment tal-għarfien tal-proġett u l-impenji f'laqgħat reġjonali u proċessi multilaterali.

Metodoloġija

Filwaqt li tibni fuq l-ewwel żewġ fażijiet, li stabbilew bażijiet ta' għarfien komuni dwar avvenimenti u sforzi storiċi, assiguraw il-qbil tal-istati reġjonali, u identifikaw ideat għar-rikonċiljazzjoni tal-politika kif ukoll oqsma għal aktar riċerka u attivitajiet, din il-fażi tal-proġett ser tespandi u tibni fuq dawn l-isforzi. Il-punti u l-attivitajiet ewlenin mill-fażijiet preċedenti kienu jinkludu proposti biex tissaħħaħ il-fiduċja permezz ta' djalogi f'diversi livelli u parteċipazzjoni inklużiva, tissaħħaħ il-memorja istituzzjonali permezz tal-iżvilupp ta' għodod online, u jittejbu l-verifika u l-konformità bl-użu ta' oqfsa internazzjonali eżistenti. Enfasizzat ukoll it-tagħlimiet minn ftehimiet u negozjati tal-passat, inċentivi, u motivaturi tas-sigurtà għall-involviment reġjonali, inkluż aġġustamenti ta' wara l-PAKK u ta' Ottubru 2023 mill-istati reġjonali. Stabbiliet ukoll il-modalitajiet u l-kamp ta' applikazzjoni tat-trattat, inkluż iż-żewġ perkorsi ewlenin għad-diżarm nukleari. Is-sejbiet tal-proġett koprew ukoll kwistjonijiet bħas-sistemi ta' kunsinna, l-integrazzjoni ta' armi kimiċi u bijoloġiċi fil-kamp ta' applikazzjoni tal-projbizzjonijiet, inkluż arranġamenti speċifiċi possibbli tal-OPCW u miżuri reġjonali komplementari, il-kooperazzjoni reġjonali dwar l-enerġija nukleari paċifika, l-impatt dejjem akbar tal-intelliġenza artifiċjali u t-teknoloġiji emerġenti fuq ir-riskji tal-AQM u l-kontroll tal-armi, u għarfien komparattiv minn żoni eżistenti ħielsa mill-armi nukleari dwar ir-rwol tal-istati ekstra-reġjonali. L-attivitajiet dwar l-erba' suġġetti tematiċi ser jibbenefikaw mill-integrazzjoni tal-politika u tal-metodi ta' analiżi tar-riċerka. Dawn jinkludu djalogu, tisħiħ tal-kapaċitajiet, briefings speċjalizzati, eżerċizzji ta' simulazzjoni, trasferiment tal-għarfien, u sħubijiet reġjonali.

Attivitajiet u Riżultati Tanġibbli

Nonproliferazzjoni

Il-proġett ser jesplora r-rabtiet bejn il-proċess taż-Żona Ħielsa mill-Armi ta' Qerda Massiva fil-Lvant Nofsani (ŻĦAQM LN) u x-xejriet reġjonali u globali tad-diżarm, in-nonproliferazzjoni u l-kontroll tal-armi, filwaqt li jidentifika opportunitajiet biex jissaħħu dawn il-konnessjonijiet fil-livelli nazzjonali, reġjonali u globali. Ser jivvaluta wkoll id-dinamika tal-proliferazzjoni reġjonali, inkluż l-iżviluppi relatati ma' mezzi militari avvanzati, mezzi potenzjali mhux konvenzjonali, u oqsma emerġenti ta' ħassib assoċjati mal-AQM.

Il-proġett ser jiffaċilita l-involviment reġjonali fost ir-rappreżentanti u l-esperti tal-gvern biex jiskambjaw il-perspettivi nazzjonali dwar theddid u sfidi relatati mal-AQM u biex jidentifikaw approċċi kostruttivi u jirrikonċiljaw l-ideat biex jindirizzawhom.

Il-proġett ser jappoġġa wkoll l-isforzi biex tissaħħaħ il-kapaċità legali, teknika u diplomatika reġjonali billi jsaħħaħ il-fehim tal-oqfsa u l-obbligi internazzjonali eżistenti ta' nonproliferazzjoni—inkluż dawk skont it-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni tal-Armi Nukleari (TNP), il-Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi (BWC), u l-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi (CWC)—kif ukoll tat-tagħlimiet minn żoni eżistenti ħielsa mill-armi nukleari u r-rilevanza tagħhom għall-proċess taż-ŻĦAQM LN.

Skont din il-linja ta' attivitajiet, il-proġett ser jipproduċi ***dokument ta' riċerka uniku*** li jeżamina s-sinerġiji bejn iż-ŻĦAQM LN u x-xejriet reġjonali u globali tan-nonproliferazzjoni, id-diżarm u l-kontroll tal-armi, filwaqt li jidentifika opportunitajiet biex jippromwovihom fil-livelli nazzjonali, reġjonali u globali. Ser jorganizza wkoll ***djalogu uniku*** biex jappoġġa u jagħti bidu għad-diskussjonijiet fost ir-rappreżentanti u l-esperti tal-gvern, jaqsam il-perspettivi nazzjonali dwar it-theddid u l-isfidi tal-AQM fir-reġjun, u jidentifika ideat ta' rikonċiljazzjoni biex dawn jiġu indirizzati.

Diżarm

L-attivitajiet tal-proġett ser jesploraw esperjenzi storiċi bid-diżarm tal-AQM f'kuntesti reġjonali u internazzjonali differenti, filwaqt li jenfasizzaw it-tagħlimiet u l-informazzjoni intuwittiva rilevanti għal-Lvant Nofsani. Il-proġett ser jiffaċilita wkoll diskussjonijiet strutturati u bbażati fuq xenarji biex jiġu eżaminati perkorsi, opzjonijiet ta' sekwenzjar, u inċentivi biex jiġi avvanzat id-diżarm reġjonali tal-AQM f'diversi kundizzjonijiet politiċi u ta' sigurtà. Barra minn hekk, il-proġett ser jappoġġa involvimenti biex tissaħħaħ il-kapaċità għall-partijiet ikkonċernati diplomatiċi u tas-soċjetà ċivili, biex itejbu l-fehim tagħhom tal-approċċi ta' verifika għad-diżarm li jistgħu jinfurmaw u jsostnu l-inizjattivi reġjonali.

Skont din il-linja ta' attivitajiet, il-proġett ser jipproduċi ***dokument ta' riċerka uniku*** li janalizza d-dinamika, l-isfidi u t-tagħlimiet ewlenin rilevanti għall-avvanz tad-diżarm tal-AQM u l-verifika tiegħu fil-Lvant Nofsani, b'enfasi fuq kif l-esperjenzi internazzjonali u reġjonali jistgħu jinfurmaw l-isforzi futuri. Ser jinkludi wkoll studju ta' fattibbiltà dwar ir-rekwiżiti, il-kunċetti u l-formats tal-implimentazzjoni ta' proċess reġjonali ta' verifika tad-diżarm. Il-proġett ser jorganizza wkoll ***avveniment uniku*** li jlaqqa' lil dawk li jfasslu l-politika, lill-esperti tekniċi, u lill-partijiet ikkonċernati tas-soċjetà ċivili biex jaqsmu l-perspettivi, jesploraw perkorsi prattiċi għall-progress, u jsaħħu l-fehim komuni tad-dimensjonijiet politiċi, legali u tekniċi tad-diżarm fil-kuntest reġjonali. Ser jesplora wkoll is-sekwenzjar u l-inċentivi għad-diżarm reġjonali tal-AQM.

Kooperazzjoni Paċifika

Il-proġett ser iwettaq riċerka biex jeżamina modi kif tista' titnaqqas l-isfiduċja reġjonali u tissaħħaħ il-fiduċja billi jorbot it-tħassib dwar is-sigurtà ma' approċċi kooperattivi u mhux militari. Din il-ħidma ser tikkunsidra l-vulnerabbiltajiet komuni fir-reġjun kollu u tivvaluta kif l-oqfsa kollaborattivi jistgħu jikkontribwixxu għall-istabbiltà u jnaqqsu d-dipendenza fuq risponsi koerċittivi. Il-ħidma analitika ser tesplora approċċi kunċettwali għall-kooperazzjoni reġjonali li jippermettu l-qsim sikur, responsabbli u ekwu tal-għarfien, l-infrastruttura, u l-kapaċitajiet għal finijiet xjentifiċi u teknoloġiċi paċifiċi, abbażi ta' esperjenzi internazzjonali u reġjonali rilevanti.

Ser jiġu identifikati, żviluppati u appoġġati mezzi sostnuti għall-involviment reġjonali fix-xjenza u l-politika biex jitħeġġeġ id-djalogu fost il-komunitajiet akkademiċi, tar-riċerka u tal-politika, kif ukoll is-soċjetà ċivili, li jippromwovi l-kollaborazzjoni, l-iskambju tal-għarfien, u diskussjonijiet li jħarsu 'l quddiem dwar applikazzjonijiet paċifiċi u t-tisħiħ tal-fiduċja permezz tax-xjenza.

Skont din il-linja ta' attivitajiet, il-proġett ser jippubblika ***dokument ta' riċerka uniku*** li jiddeskrivi l-oqfsa kunċettwali għall-kooperazzjoni reġjonali li jappoġġaw l-użu sikur, responsabbli u ekwu tal-kapaċitajiet xjentifiċi u teknoloġiċi paċifiċi, filwaqt li jislet tagħlimiet minn esperjenzi internazzjonali u reġjonali rilevanti, inkluż l-arranġamenti eżistenti bbażati fuq iż-żona. Ir-riċerka ser tidentifika oqfsa bbażati fuq it-trattati jew miżuri ta' trasparenza biex titnaqqas l-isfiduċja u tissaħħaħ il-fiduċja billi s-sigurtà reġjonali tintrabat man-nonproliferazzjoni, jiġu indirizzati l-vulnerabbiltajiet komuni, u titnaqqas id-dipendenza fuq soluzzjonijiet militarizzati.

Il-proġett ser jospita wkoll ***diskussjoni unika madwar mejda*** li tlaqqa' lill-komunitajiet akkademiċi, tar-riċerka u tal-politika biex tiġi avvanzata l-kooperazzjoni bbażata fuq ix-xjenza, jiġu skambjati l-aħjar prattiki, u jiġu esplorati approċċi li jsaħħu l-fiduċja u inizjattivi konġunti ta' riċerka marbuta ma' applikazzjonijiet paċifiċi u sfidi reġjonali komuni. Ser jinvestiga l-fatturi sottostanti, inkluż il-kompetizzjoni għar-riżorsi, is-sikurezza tal-infrastruttura kritika, it-teknoloġija avvanzata, u d-domandi għall-enerġija relatati mas-saħħa, l-enerġija, l-ikel, l-ilma, u s-sigurtà ambjentali, kif ukoll mekkaniżmi kooperattivi biex dawn jiġu indirizzati.

Verifika u Salvagwardji

Il-proġett ser jivvaluta l-mekkaniżmi eżistenti u potenzjali ġodda rilevanti għall-istabbiliment ta' żona ħielsa mill-AQM fil-Lvant Nofsani, b'kont meħud tal-ambitu speċifiku u l-kundizzjonijiet politiċi tar-reġjun. Dan ser jinkludi l-eżami tal-isfidi legali, tekniċi u istituzzjonali relatati mal-iżgurar li l-attivitajiet sensittivi jibqgħu esklużivament paċifiċi u ma jikkontribwux għar-riskji tal-AQM.

Il-proġett ser jappoġġa involviment iffukat fuq ir-reġjun fost l-esperti tal-politika, dawk legali u tekniċi biex jiddiskutu l-ħtiġijiet ta' verifika, l-approċċi għat-tisħiħ tal-fiduċja, u t-tagħlimiet meħuda minn esperjenzi internazzjonali u reġjonali rilevanti, bl-għan li jiġu identifikati approċċi xierqa għall-kuntest tal-Lvant Nofsani.

Il-proġett ser jiffaċilita wkoll involviment strutturat u orjentat lejn il-politika fost il-komunitajiet diplomatiċi, tekniċi u legali biex jiġu esplorati l-kunċetti ta' verifika għal żona fil-futur. Dawn l-attivitajiet ser isaħħu l-fehim tal-isfidi ta' verifika, irawmu djalogu transdixxiplinari, u jeżaminaw ir-rwol potenzjali ta' għodod u prattiki stabbiliti u emerġenti fl-appoġġ tat-trasparenza u l-konformità.

It-tisħiħ tal-kapaċitajiet permezz ta' fora ta' esperti, b'parteċipazzjoni mill-IAEA, l-OPCW, u l-BWC ISU, is-CTBTO, u mudelli reġjonali rilevanti oħra biex jiġu diskussi l-ħtiġijiet ta' verifika reġjonali u l-għodod għat-tisħiħ tal-fiduċja.

Skont din il-linja ta' attivitajiet, il-proġett ser jipproduċi ***dokument ta' riċerka uniku u skeda informattiva unika*** li jeżaminaw il-mekkaniżmi ta' verifika eżistenti u potenzjali rilevanti għall-istabbiliment ta' żona ħielsa mill-AQM fil-Lvant Nofsani, b'attenzjoni partikolari għall-kunsiderazzjonijiet legali, tekniċi u istituzzjonali speċifiċi għall-kuntest reġjonali. Il-proġett ser jorganizza wkoll ***sessjoni ta' ħidma unika għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet*** li tlaqqa' lill-esperti diplomatiċi, tekniċi u legali biex jissaħħaħ il-fehim reġjonali tal-isfidi ta' verifika, jiġi promoss djalogu transdixxiplinari, u jiġu esplorati approċċi għat-tisħiħ tal-fiduċja applikabbli għal żona fil-futur.

Partijiet Ikkonċernati Maħsuba

Il-proġett propost ser jikkontribwixxi għall-isforzi reġjonali u internazzjonali favur id-diżarm, in-nonproliferazzjoni u l-kontroll tal-armi. Ser jibni fuq u jespandi n-network stabbilit fil-fażi preċedenti, iżomm il-kontinwità mas-sħab eżistenti filwaqt li jwessa' l-involviment biex tiġi approfondita s-sjieda reġjonali u jiġu inkorporati l-ilħna emerġenti fil-qasam. L-udjenza maħsuba tinkludi:

— Dawk li jfasslu l-politika u d-diplomatiċi involuti fi kwistjonijiet ta' diżarm, nonproliferazzjoni u kontroll tal-armi fir-reġjun u lil hinn minnu. Dan il-grupp jinkludi uffiċjali reġjonali u internazzjonali u dawk attivi fi pjattaformi reġjonali u multilaterali, bħal-laqgħat tal-Istati Parti u l-Konferenzi ta' Rieżami tat-TNP, is-CWC, u l-BWC, il-Konferenzi Ġenerali tal-IAEA, u l-Konferenza dwar iż-ŻĦAQM LN.

— Esperti reġjonali minn aġenziji tal-gvern, universitajiet, istituzzjonijiet ta' riċerka, u gruppi ta' riflessjoni.

— Riċerkaturi fis-sigurtà internazzjonali ffukati fuq il-kontroll tal-armi, id-diżarm ta' armi nukleari, kimiċi u bijoloġiċi, u s-sistemi ta' kunsinna tagħhom fil-Lvant Nofsani, flimkien ma' suġġetti bħaż-ŻĦAQM LN u s-sigurtà reġjonali, jew it-teknoloġiji emerġenti.

— Akkademiċi, prattikanti, esperti emerġenti, u organizzazzjonijiet speċjalizzati tas-soċjetà ċivili fil-Lvant Nofsani b'attivitajiet rilevanti għaż-ŻĦAQM LN u li jikkontribwixxu għaliha.

Impatt

Il-proġett propost ser ikun l-unika pjattaforma ddedikata esklużivament għall-promozzjoni, il-faċilitazzjoni u t-twettiq ta' riċerka dwar iż-ŻĦAQM LN. L-attivitajiet u l-eżiti tiegħu għandhom l-għan li jidentifikaw strateġiji għall-prevenzjoni u t-treġġigħ lura tal-proliferazzjoni tal-AQM fir-reġjun, li jsaħħu l-inizjattiva taż-Żona, u li jiżguraw is-sostenibbiltà ta' trattat taż-Żona ladarba jiġi ffinalizzat. Barra minn hekk, il-proġett ser javvanza l-għanijiet allinjati mal-prijoritajiet tal-Unjoni Ewropea (UE) deskritti fl-Istrateġija tal-UE kontra l-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva. Dawn jinkludu t-trawwim ta' arranġamenti ta' sigurtà reġjonali u proċessi ta' kontroll tal-armi, it-trawwim ta' sħubijiet u kooperazzjoni, it-tisħiħ tal-konformità mat-trattati multilaterali bħat-TNP, is-CWC, u l-BWC u l-universalizzazzjoni tagħhom, l-internalizzazzjoni, il-kontribut għall-espansjoni ta' networks u komunitajiet ta' esperti speċjalizzati fir-reġjun, it-tisħiħ tan-normi tan-nonproliferazzjoni, u l-ħidma biex jiġu evitati, skoraġġuti, imwaqqfa jew eliminati l-inizjattivi ta' proliferazzjoni inkwetanti. Il-proġett ser jindirizza wkoll il-kawżi ewlenin u jippromwovi s-sigurtà u l-istabbiltà ġenerali fil-Lvant Nofsani, li huma marbuta mill-qrib mas-sigurtà Ewropea.

Perjodu ta' żmien

Il-proġett propost ser jibda f'nofs Lulju 2026 għal perjodu ta' 36 xahar. L-implimentazzjoni tal-proġett propost mistennija tiġi konkluża f'Lulju 2029.

Involviment mal-UE u viżibbiltà

L-UE ilha żmien twil tappoġġa b'mod attiv l-inizjattiva ŻĦAQM LN. L-impenn tagħha ntwera permezz ta' inizjattivi sostnuti għat-tisħiħ tal-fiduċja, seminars, u proġetti ffinanzjati mill-UE. Matul il-proġett, l-UNIDIR ser jikkoopera mal-UE u jinvolvi ruħu b'mod attiv mas-Servizz għall-Azzjoni Esterna tal-UE, bħala l-interlokutur ewlieni, kif ukoll mad-Delegazzjonijiet Permanenti tal-UE għan-NU f'Ġinevra, Vjenna u New York. Minbarra l-pubblikazzjoni ta' prodotti bil-miktub f'konformità mal-linji gwida tal-UE dwar il-viżibbiltà, l-UE ser tkun viżibbli fl-avvenimenti kollha organizzati b'mod konġunt mill-UNIDIR, inkluż billi tagħmel kummenti fil-ftuħ u/jew fl-għeluq, timmodera, jew tikkontribwixxi bħala espert. Sakemm l-UE ma titlobx mod ieħor, l-UNIDIR ser jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jirreklama li l-proġett ġie ffinanzjat mill-UE u biex jenfasizza r-rwol tal-UE f'din l-azzjoni. L-emblema tal-UE u d-dikjarazzjonijiet ta' finanzjament ser jintużaw biex tiġi rikonoxxuta l-preżenza tal-UE u tiġi żgurata l-viżibbiltà tagħha. Dan ser jiżgura li l-appoġġ finanzjarju tal-UE għall-azzjoni jkun viżibbli, trasparenti u mmarkat kif xieraq.

Entità u sieħeb ta' implimentazzjoni

L-UNIDIR huwa istitut awtonomu fis-sistema tan-NU li jipprovdi riċerka indipendenti dwar sfidi globali urġenti relatati mad-diżarm, il-kontroll tal-armi, u s-sigurtà internazzjonali bl-għan li jiġi promoss djalogu inklużiv biex jinstabu soluzzjonijiet kreattivi u effettivi. L-istorja, ir-riċerka u l-ħidma tal-Istitut fuq iż-ŻĦAQM LN imorru lura għas-snin disgħin.

L-UNIDIR iżomm relazzjonijiet u kooperazzjoni b'saħħithom u fdati mal-istati u l-organizzazzjonijiet reġjonali tal-Lvant Nofsani. L-UNIDIR huwa rikonoxxut għan-newtralità, l-oġġettività, u l-imparzjalità tar-riċerka tiegħu.